Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TMIENJA U TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 13 ta' Jannar 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI – JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB (SKUZAT) |
| | Sur | RALPH CASSAR - RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE - HMF (SKUZAT) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – AZ |
| **Segretarju Eżekuttiv** | | MARICA MIFSUD – MM |

Is-Sinjuri Herbert Messina Ferrante u Gerald Borg ma kienux prezenti ghall-bidu tal-laqgha.

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Approvati.

## 2. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur RC ressaq punt imqajjem fuq il-laqgha precedenti fejn kien hemm talba biex titnehha il-bring-in site fi Triq Frans Dingli. Hu kompla billi qal li fl-opinjoni tieghu din ghandha tibqa hemm u ma titnehhiex kapriccosament.

F'dan il-mument dahal il-Perit Mario Cassar li espona dokumentazzjoni fuq Triq B'Kara sabiex il-parti mmarkata fuq il-pjanta issir one-way. Wara li l-Kunsill sema' dak kollu li kellu jinghad, baqa' mas-Sur Cassar li ha jittiehed feedback tar-residenti u fil-kaz tintbaghat applikazzjoni lil Transport Malta.

## 3. KORRISPONDENZA

- Email minghand Rodeco Group rigward offerta sabiex jigi ppruvat is-sistema ta' tiswija ta' toroq taghhom. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Kunsill diga' ghandu Kuntrattur tal-patching u ghaldaqstant ma jistax jidhol ghal dan ix-xoghol ghalkemm bi prova. Il-Kuntrattur ser jigi avzat meta t-tenders ikunu ser jergghu jinhargu.
- Ittra minghand is-Sur Philip Farrugia rigward l-incident li sehh fi Triq Victor Vassallo. Il-Kunsill ha l-mizuri u sar meeting mal-Ministru tat-Trasport u qed jistenna feedback minghand l-istess Transport Malta minhabba li l-istess Ministeru ikkommetta ruhu li ser jiehu azzjoni fuq din iz-zona perikoluza.
- E-mail minghand Philip Farrugia rigward artiklu li deher fil-gazzetta fuq l-estenzjonijiet tal-bini fi Triq Dun Mikiel Xerri. Is-Sur RC qal li din iz-zona kienet *ear marked* ghall-bini fit-2006 Local Plans u ghandha ssir konsultazzjoni pubblika fuq is-suggett. Il-Kunsill jiehu azzjoni skond l-andament tal-affarijiet f'dak iz-zmien.

- Email minghand Agenzija Sapport rigward Muriel Depicting the Life Pathway. It-talba giet milqugha u ser isir suggeriment biex dan il-Muriel isir fi Triq il-Linja hdejn l-Ex RAOC.

**4. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI DICEMBRU U PETTY CASH**

Il-Pagamenti gew approvati wara li s-Sur Alfred Zammit staqsa jekk is-Sinjorina Cassola qalbitx full-time minhabba li l-paga taghha kienet iktar gholja mix-xhur ta' qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li l-paga tas-Sinjorina Cassola tinkludi il-Performance Bonus minhabba li haditu f'Dicembru flok f'Jannar, u s-Sur JPB staqsa fuq il-pagamenti tal-Periti Dieter Falzon u Edward Said. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li il-kont tal-Perit Falzon jinkludi l-ispejjes tar-rapport ta' Triq il-Katlan, filwaqt li ta' Edward Said jinkludi x-xoghol kollu relatat mal-Embankment u thejjija ta' rapport.

**5. APPROVAZZJONI TA' DRAFT BUDGET – (PROGETTI KAPITALI)**

Id-Draft Budget gie approvat hekk kif sottomess u mhejji mis-Segretarju Ezekuttiv.

**6. KUNTRATT LATRINI**

Is-Sur RC gibed l-attenzjoni li l-latrini ta' Misrah Kola qed ikunu miftuhin il-lejl kollu. Dan barra li l-livell ta' ndafa ma jitqies xejn professjonali ghal xi hadd li ghadu jibda tender gdid. Is-Sur RB ppropona li hu u Segretarju jiltaqghu mal-Kuntrattur u jekk dan ma jirrimedjax is-sitwazzjoni, jigi terminat il-kuntratt. Is-Sur RC qal li jekk fil kaz dawn jinghalqu u l-fondi jigu investiti f'affarijiet ohra. Ha jsir appuntament mal-Kuntrattur.

**7. KUNTRATT KO-ORDINATUR TAX-XOGHOLIJIET**

Is-Sur RB ippropona li il-Kuntratt tal-Ko-Ordinatur tax-Xogholijiet jigi mgedded u dana ghaliex hu jqis li hekk kif l-impjegati jaqghu taht il-kotba tal-Kunsill, dak kollu li jikkoncerna l-impjieg taghhom, huwa decizjoni esklussiva tal-Kunsill. Kulhadd qabel.

**8. TRIQ VICTOR VASSALLO - TRANSPORT MALTA**

Dan l-item ga gie diskuss.

**9. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Bio-Technical Plant tal-Kmand. Li il-MEPA u Transport Malta imponew fuq il-Kunsill il-bini ta' *Build-Outs* li jmorru kontra dak miftiehem mal-Kunsill fl-2011. Il-Kunsill, jekk kulhadd jaqbel ser jibqa' jopponi ghal dawn il-*Build-Outs.* Kulhadd qabel
- Li Transport Malta qed tinsisti bil-fors li x-xoghol fi Triq il-Gonna isir bil-lejl. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta minhabba li ha joghlew ferm ir-rati. Il-Kunsill ha jibqa' jinsisti li x-xoghol isir filghodu. Ghandha tintbaghat ittra lit-Transport Malta ikkuppjata lill-Ministru.
- Issuggerixxa li jsiru tabelli li jindikaw int fejn tinsab fil-pjazez. Dawn it-tabelli jiswew biss €120 'l wahda u jkunu ferm attrajenti filwaqt li jkunu ta' uzu kbir ghat-turisti. Kulhadd qabel

Is-Sur RB ressaq dawn il-punti:

- Li jinhatru zewg kumitati: wiehed Twinning Committee u l-iehor Railway Embankment Committee. Gie deciz li il-Kumitati ikunu komposti hekk. Twinning Committee: Remigio Bartolo, Yanica Sammut, Angela Griscti u John P Bonnici. Railway Embankment Committee: Remigio Bartolo, Marica Mifsud, Alfred Zammit, Marco Spiteri u Ralph Cassar. Fiz-zewg kazijiet ic-Chairman ikun Remigio Bartolo.
- Propona li jsir leaflet ta' tmien pagni half A4 b'write-up wiehed fejn il-Kunsilliera jirringrazzjaw lir-residenti kollha u jekk jergghu jigu eletti jibqghu jaghtu l-kontribut taghhom. Kulhadd qabel.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Talab sabiex fi Triq Victor Vassallo isir xelter tal-aluminium. Ghandha tingieb kwotazzjoni.
- Li l-bankina fi Triq il-Kbira gholja wisq
- Talab li isir xoghol fuq il-lights fi Triq Hal Warda u dan isir wara t-8.30am.

Is-Sur JPB ressaq dawn il-punti:

- Talab biex issir Reserved Parking Bay fi Triq Kananea ghal Carmel Montfort. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li is-Sur Montfort inghata l-applikazzjoni ghad-Disabled Parking Bay sentejn ilu u sal-gurnata tal-llum kienet ghadha ma gietx ritornata sabiex tintbaghat lil Transport Malta. Meta din tigi ritornata jinbeda il-process kif suppost.
- Li l-bicycle rack hdejn it-Turkish Kebab issir bi fluorescent tape.

Is-Sur MS ressaq dawn il-punti:

- Talab sabiex jinfetah il-passagg bejn Triq Lorenzo Manche u Triq il-Ponsjetta
- Li quddiem l-M4 Supermarket hemm toqba sabiex timtela'
- Gibed l-attenzjoni li is-Sur Tony Borg gie nieqes u filwaqt li saret talba ghalih, is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota sabiex tinghata kull ghajnuna ghall-funeral.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq il-kawza tal-barriera.
- Li fil-kalendarju tal-gbir ta' skart ma kienx hemm imnizzel minn fejn issir il-gabra tal-hwejjeg bhala lokazzjoni
- Li fi Triq Santa Katerina xi hadd imblokka il-bankina b'boundary wall u ghandu jigi ikkuntattjat il-Kuntrattur sabiex tinbena bankina provizorja lit kun accessibbli ghad-dizabbli. .

**10. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa spiccat fis-7.30pm u giet aggornata għas-17 ta' Frar fil-5.30pm

________________________ Sindku

____________________ Data